MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 121/2011

**Central Power Installations Limited**

**vs**
**Infratec Pro Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' attrici tad-9 ta' Frar 2011 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta' rikorrenti hija kreditrici ta' dik intimata fis-somma ta' Euro 26,557.31 (sitta u ghoxrin elf hames mija u sebgha u hamsin Euro u wiehed u tletin centezmu) bilanc minn somma akbar prezz ta' fornitura u istallazzjoni ta' xoghol elettriku u mekkaniku fil-fabbrika tal-istess socjeta' intimata, liema xoghol sar fuq inkarigu tal-istess socjeta' u li ilu kkompletat a pjena sodisfazzjon tas-socjeta' konvenuta u tal-Enginier imqabbad bhala konsulent mill-istess socjeta' fis-sajf li ghadda;

2. Illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma tas-socjeta'
esponenti, dik intimata m'ghandha ebda eccezzjoni x'tissolleva kontra l-hlas
ta' dan l-ammont, tant illi permezz ta' diversi emails s-socjeta' intimata
ammettiet id-dejn taghha lejn dik attrici kif jidher fl-annessi dokumenti A, B u
C;

3. Illi kif jidher mill-invoices li qed jigu hawn annessi kollettivament bhala
dokument D meta wiehed iqies l-ammont tal-prezz dovut u minnhom
jitnaqqas dak imhallas, il-bilanc huwa dak li qed jintalab permezz ta' dawn il-
proceduri;

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex in vista
tal-premess u previa d-dispensa tas-smigh ta' din il-kawza ai termini tal-artikolu
167 et seq tal-Kap. XII tal-Ligijiet ta' Malta:

1. Tiddikjara li s-socjeta' intimata hija debitrici ta' dik rikorrenti fis-somma fuq
indikata ta' Euro 26,557.31c (sitta u ghoxrin elf hames mija u sebgha u
hamsin Euro u wiehed u tletin centezmu);

2. Konsegwentement tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lil dik attrici s-
somma msemmija fil-paragrafu precedenti bl-imghax legali mill-1 ta' Ottubru
2010 sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru numru 112/2011 ipprezentat
fil-25 ta' Jannar 2011 u bl-ingunzjoni tas-socjeta' intimata u r-rapprezentanti legali
taghha ghas-subizzjoni;

Rat illi rikors gie debitament notifikat lis-socjeta’ intimata li naqset li tipprezenta risposta u hekk baqhet kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta’ rikorrenti fejn Dmitry Pechenkin, direttur tal-istess socjeta’ iddikjara bil-gurament tieghu illi l-ammont dovut kien dak li jirrizulta fir-rikors cioe €26,557.31;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti b’mod konvincenti u kif titlob il-ligi t-talba dedotta fir-rikors tirrizulta gustifikata;

Fil-kontumcja tas-socjeta’ intimata tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ rikorrenti kif dedotta fir-rikors, bl-ispejjez kif mitluba kontra s-socjeta’ intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------